# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 1296/00mm**

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Paul Vassallo**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm366.48) import ta' 9 kambjali annessi u immarkati Dok 1 sa' Dok 9,

accettati u iffirmati mill-konvenut li d-data ta' maturita' taghhom skadiet, prezz ta' karrozza mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ammontanti ghal Lm5.75, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.